## It-teħid tal-antibijotiċi, kif iwassal għal reżistenza għall-antibijotiċi?

**Kulmeta jintużaw l-antibijotiċi, batterji li ma jagħmlux ħsara li jgħixu fuq ġisimna jistgħu jsiru reżistenti għal dawn l-antibijotiċi. Meta l-batterji jiżviluppaw reżistenza għal tipi differenti ta' antibijotiċi, dawn jissejħu batterji multi-reżistenti jew 'superbugs'.**

Infezzjonijiet ikkawżati minn superbugs huma aktar diffiċli biex jiġu kkurati jew jista' jkun li ma jistgħux jiġu kkurati. Superbugs jikkawżaw:

- Infezzjonijiet li jistgħu jiġu kkurati biss b'antibijotiċi aktar b'saħħithom u li għandhom aktar effetti sekondarji u riskji
- Infezzjonijiet li jistgħu jiġu kkurati biss b'antibijotiċi injettati
- Infezzjonijiet fejn ma jkunx hemm kura antibijotika effettiva.

Xi batterji reżistenti jistgħu jinfirxu wkoll ma' residenti oħra fid-dar tal-kura tal-anzjani.

## Noti ewlenin

- L-antibijotiċi huma mediċini prezzjużi u qawwija
- L-antibijotiċi jistgħu jikkawżaw effetti sekondarji u l-anzjani huma aktar suxxettibbli għal dan
- Ċerti infezzjonijiet ifiequ mingħajr l-antibijotiċi
- Ir-reżistenza għall-antibijotiċi fil-batterji tfisser li ċerti antibijotiċi jistgħu ma jaħdmux fil-futur.

## X'jiġri jekk ikolli xi mistoqsijiet dwar l-antibijotiċi?

**Kellem lill-ħaddiema fid-dar tal-kura tal-anzjani u lit-tabib tiegħek jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-antibijotiċi tiegħek. Staqsi:**

- X'inhu dan l-antibijotiku? Għal liema kundizzjoni qed jiġi preskritt?
- Tista' l-kundizzjoni tiegħi titjieb mingħajr antibijotiċi?
- Għamilt xi testijiet biex tgħin fid-dijanjosi tal-infezzjoni? Meta se jkunu disponibbli r-riżultati?
- Hemm xi trattamenti u kura oħra rakkomandati?
- X'inhuma r-riskji jew l-effetti sekondarji ta' dan l-antibijotiku?
- Kemm jeħtieġ li ndum nieħu dan l-antibijotiku?
- Hemm xi struzzjonijiet dwar kif għandi nieħu l-antibijotiku biex niżgura li jaħdem tajjeb? (Xi antibijotiċi jaħdmu l-aħjar mal-ikel, jew fuq stonku vojt, jew separati minn mediċini oħra)
- Ser jinteraġixxu mal-mediċini l-oħra tiegħi? (pereżempju, xi antibijotiċi jistgħu jinteraġixxu ma' mediċini li jraqqu d-demm bħal warfarin)
- Kif se tkun taf li l-antibijotiku qed jaħdem għall-infezzjoni li għandi?

Tista' titlob lill-ħaddiema fid-dar tal-kura tal-anzjani jew lit-tabib tiegħek għal informazzjoni bil-miktub dwar l-antibijotiku li qed jiġi rakkomandat jew dwar l-infezzjoni li għandek.

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**



# Għandek bżonn l-antibijotiċi?

Informazzjoni dwar l-antibijotiċi għar-residenti tal-kura tal-anzjani u l-familji tagħhom, dawk li jieħdu ħsiebhom u r-rappreżentanti.

**1800 951 822**
agedcarequality.gov.au

**Użu aħjar tal-antibijotiċi**

## Għaliex huma importanti għalik l-antibijotiċi?

**L-antibijotiċi huma mediċini prezzjużi u qawwija - u għandhom jintużaw biss għal skopijiet speċifiċi.**

Jistgħu jkunu ta' għajnuna kontra ħafna infezzjonijiet batteriċi bħal infezzjonijiet tal-passaġġ urinarju, tal-ġilda u tas-sistema respiratorja. Jistgħu jsalvaw il-ħajja minn infezzjonijiet serji bħal sepsis.

Meta jkunu meħtieġa l-antibijotiċi, il-benefiċċji tagħhom jegħlbu r-riskji tal-effetti sekondarji u mir-reżistenza għall-antibijotiċi.

Iżda l-antibijotiċi **mhux dejjem huma meħtieġa.** Meta ma jkunux meħtieġa, ma jgħinukx, u l-effetti sekondarji xorta jistgħu jikkawżaw ħsara u jikkontribwixxu għar-reżistenza għall-antibijotiċi.

## X'ma jittrattawx l-antibijotiċi?

- ħafna infezzjonijiet tal-upper respiratory tract (il-pajp respiratorju fil-parti ta' fuq), li jkunu kkawżati minn viruses
- xi infezzjonijiet batteriċi (bacterial infections) li jfiequ malajr anki mingħajr antibijotiċi. Eżempji ta' dan huma bronkite, sinus u infezzjonijiet tal-widnejn
- batterji li ma jagħmlux ħsara f'kundizzjonijiet fejn ma jkunx hemm sintomi jew sinjali ta' infezzjoni. Eżempji ta' dan ikunu batterjurija asintomatika (batterji li ma jagħmlux ħsara fl-awrina misjuba waqt ittestjar b'dipstik jew kultura tal-awrina), jew feriti fil-ġilda mhux infettati
- meta jintużaw għall-prevenzjoni ta' infezzjoni (profilassi). Eżempji ta' dan huma kremi antifungali tal-ġilda użati tul ħafna xhur, jew antibijotiċi orali mibdija biss fil-każ li tista' tiżviluppa infezzjoni użati tul ħafna xhur, kultant snin.

## X'inhuma l-effetti sekondarji u r-riskji possibbli tal-antibijotiċi?

**L-effetti sekondarji tal-antibijotiċi huma komuni, u l-anzjani huma f'riskju akbar. Effetti sekondarji komuni huma:**

- Telf ta' aptit/tnaqqis fl-ikel u x-xorb
- Dardir
- Dijarea
- Infezzjonijiet tal-ħmira, bħal traxx
- Raxx

**L-antibijotiċi jista' jkollhom ukoll effetti sekondarji u riskji oħra, xi kultant aktar serji:**

- Reazzjonijiet allerġiċi ta' theddida għall-ħajja
- Interazzjonijiet bejn antibijotiċi u mediċini oħra
- Infezzjonijiet b'batterji reżistenti għall-antibijotiċi, minħabba li l-espożizzjoni għal antibijotiku jista' jippermetti li batterji (inklużi batterji li ma jagħmlux ħsara) fuq ġismek jadattaw ruħhom b'mod li ma jibqgħux jiġu meqruda minn dak l-antibijotiku
- Infezzjoni minn C. difficile (jew C. diff) li hija marda gastrointestinali kkawżata meta batterji tajbin fl-imsaren tiegħek jinqerdu bl-antibijotiċi. L-infezzjoni C. diff tikkawża uġigħ fiż-żaqq, dardir u dijarea. Jista' jwassal għal ħsara severa fil-musrana u jista' jgħaddi għal nies oħra. Ir-riskju ta' infezzjoni C. diff idum għal xhur anke wara li l-antibijotiċi jkunu twaqqfu.

**Waħda minn kull ħames preskrizzjonijiet huma għall-prevenzjoni minn xi infezzjoni, u ħafna minn dawn jista' jkun li ma jkunux meħtieġa.**

**Sebgħa minn kull għaxar residenti jirċievu kors antibijotiku wieħed jew aktar fis-sena. Xi wħud minn dawn il-korsijiet jistgħu ma jkunux meħtieġa. Jekk xi tabib jippjana li jippreskrivilek antibijotiku, l-ewwel staqsih jispjegalek għaliex.**

## Kif nista' nibqa' b'saħħti?

**Tista' tibqa' b'saħħtek u żżomm lil oħrajn b'saħħithom billi:**

- Twettaq l-iġjene tal-idejn ta' spiss billi taħsel idejk bis-sapun u bl-ilma wara li tmur it-tojlit u tuża prodott li bih torok idejk (handrub) ibbażat fuq l-alkoħol, qabel ma tmiss lil ħaddieħor jew tiekol
- Tinsisti li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-viżitaturi inaddfu jdejhom qabel imissuk jew jieħdu ħsieb il-ferita tiegħek
- Tgħatti s-sogħla biex tevita t-tixrid tal-mikrobi
- Titlob lill-familja jew ħbieb biex ma jżurukx meta ma jkunux jifilħu
- Toqgħod fil-kamra tiegħek meta tkun marid
- Tħares lilek innifsek billi tieħu l-vaċċini għall-influwenza, COVID-19 u pnewmonja u tħeġġeġ lil oħrajn ta' madwarek biex jagħmlu l-istess.

Għal aktar informazzjoni dwar dan, tkellem mal-ħaddiema fid-dar tal-kura tal-anzjani u mat-tabib tiegħek.

**L-użu għaqli tal-antibijotiċi llum jiżgura li l-antibijotiċi jaħdmu għada.**